**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 472/01GC**

**GLOBE IMPORTS LIMITED**
**VS.**
**SUPERMASTER LIMITED**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici versu is-socjeta attrici fis-somma ta' erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm4,338.96), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha konsenjata u mhux imhallsa kif jidher mill-istatement hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, izda baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont dovut huwa ceru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra it-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghalieax dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu l67 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm4,338.96), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha konsenjata u mhux imhallsa.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 824/01, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra is-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur